TRIBUNAL INDUSTRIJALI

INTERPRETAZZJONI GHAD-DECIZJONI

NUMRU 391

KAZ NUMRU 563

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

it-Taqsima Lukandi, Ristoranti u Ikel tal-General Workers' Union

u

Casma Ltd.

dwar l-interpretazzjoni tal-award dwar ksur tal-Ftehim Kollettiv fir-rigward tas-Sur Charles Chircop

Data: 10 ta' Lulju, 1991

Chairman: Is-Sur Carmel Debono

Membri: Is-Sur Alfred Mallia Milanes
Is-Sur Frans Coleiro

It-Tribunal Industrijali wara li ezamina u stharreg it-trattazjoni taz-zewg partijiet dwar l-interpretazzjoni tad-Decizjoni Numru 391 fuq it-Tilwima tax-Xoghol Numru 563 jiddikjara li ghalkemm huwa veru li fl-Award tieghu t-Tribunal ma qalx specifikament li c-charge kontra s-Sur Charles Chircop kien hazin, id-decizjoni tat-Tribunal tiddikjara car li l-proceduri wzati fl-applikazzjoni tad-dixxiplina ma kienux jikkonformaw mal-provedimenti tal-Artiklu 21 u 23 tal-Ftehim Kollettiv.

Naturalment il-proceduri dixxiplinarji jinkludu minn min kellu johrog ic-charge u min kellu jisimghu kif ukoll il-perjodu li fih kellu johrog ic-charge.

Ghalhekk jirrizulta li ga la darba t-Tribunal iddikjara li l-proceduri

.../2

dixxiplinarji applikati f'dan il-kaz kienu nulli u minghajr effett, it-Tribunal ma jistax jaccetta li parti mill- proceduri hekk applikati, tista' issa tigi rinovata u meqjusa regolari.

Barra minn hekk huwa principju universali, maghruf u accettat li l- ebda ndividwu ma jista' jigi pprocessat darbtejn fuq l-istess akkuza, kif fil-fatt timplika l-interpretazzjoni tal-Kumpanija, minkejja li l-istess Kumpanija tikkontendi li r-rinovament tac-charge kontra Charles Chircop ma tmurx kontra l-Award innifsu dwar il-kaz.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jiddeciedi li l-ittra tas-16.1.91 tal-Kumpanija annessa maghha c-charge originali tal-10.1.90 lill-Charles Chircop huma wkoll irregolari, nulli u minghajr effett.

Carmel Debono
CHAIRMAN

Alfred Mallia Milanes
MEMBRU

Frans Coleiro
MEMBRU

Christine Galea
SEGRETARJA

/lp